MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 855/2002/1

**Alexander Ciantar**

**vs**

**Hotels Administration Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-1 ta' Ottubru, 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"It-Tribunal**

Ra l-avviz li bih l-attur talab il-hlas ta' Lm584.21. Skond l-avviz dan l-ammont huwa dovut tal-bilanc ta' sieghat ta' overtime li ghamel l-attur mill-bidu tas-sena 1996 sa l-ahhar tas-sena 1998 u dan skond rendikont esebit bhala

dok AC. L-attur allega li hu thallas b'rata iktar baxxa minn dik stabilita mill-Wages Regulations Order u li kien hemm sieghat ta' overtime li hadem izda qatt ma rcieva hlas tieghu.

L-attur ghamel riferenza ghal ittra ufficjali datat 25 ta' April 2001.

Illi s-socjeta konvenuta eccepiet preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2147C tal-Kodici Civili u minghajr pregudizzju li ma huwiex minnu li l-attur huwa kreditur tas-societa konvenuta.

Ra l-verbal tas-27 ta' Gunju 2002 li fiha gie ddikjarat li l-partijiet jaqblu li l-attur kien jithallas bix-xahar.

Fl-istess seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-25 ta' Settembru 2002.

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet. Illi l-attur jissottometti li l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin ghaliex skond l-attur japplika l-artiklu 2151(2) tal-Kodici Civili.

Illi skond dan l-artikolu jekk il-kreditu ghal dawn is-servizzi jirrizulta minn kont accettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub, l-azzjoni ma taqax bi preskrizzjoni hlief bl-eghluq ta' hames snin li jibdew mid-data ta' dak il-kont jew dik id-dikjarazzjoni.

Illi fin-nota l-attur jghid li "f'dan il-kas l-istatement tal-pagi kien jinghata lil attur u anki kienu jsiru l-konteggi tal-hinijiet extra li jkun hadem". Illi ma hemm ebda prova ta' din l-allegazzjoni fil-process.

Illi skond l-artikolu 2147c tal-Kodici Civili l-azzjoni tal-attur taqa bl-eghluq ta' sena.

Illi skond l-attur l-ammont dovut huwa ghal perjodu bejn il-bidu ta' 1996 u l-ahhar ta' 1998. Illi l-ittra ufficjali giet ppresentata biss fil-25 ta' April 2001 u cioe wara li ghaddiet sena.

Illi sabiex japplika l-artikolu 2151(2) l-attur kellu jipprova li s-societa konvenuta accettat il-pretensjoni tal-attur jew kitbet xi dikjarazzjoni f'dan is-sens. Illi d-dokument esebit mill-attur a fol 3 tal-process ma jikkostitwiex kont accetat mid-debitur jew dikjarazzjoni ohra tad-debitur bil-miktub. Ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni tas-societa konvenuta hi gustifikata.

Ghaldaqstant jilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes kontra tieghu."

L-attur appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi ghall-azzjoni minnu proposta l-ewwel Qorti, ghall-preskrizzjoni eccepita mis-socjeta` konvenuta taht l-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili, kellha takkorda attenzjoni ghal dak li jinsab preskritt fl-Artikolu 2151 tal-istess Kodici, senjatament is-subparagrafu (2) tieghu. Huwa jissottometti illi waqt il-kors tal-imjieg, li gie terminat, kien hemm rikonoxximent kontinwu li ghandu jithallas tal-overtime, u dan kien jigi 'carried forward' minn darba ghall-ohra. Huwa jsostni li dan kien sottintez. Izid jghid li wara l-intervent tal-Labour Office kien hemm rikonoxximent tad-debitu fejn il-kumpanija konvenuta accettat li kellha taghti lill-attur.

Osservazzjoni primarja li din il-Qorti jenhtiegilha taghmel hi dik li dak kollu sottomess mill-attur appellant ma huwiex sorrett fl-atti processwali minn ebda prova. Jidher evidenti illi l-appellant ikkontenta ruhu illi jiddefendi l-kaz tieghu b'semplici Nota ta' l-Osservazzjonijiet minghajr ma jressaq prova, anke wahda minimali u superficjali, illi t-talba tieghu ma kenitx effettivament preskritta. Ghal dan in-nuqqas 'imputet sibi'. Zgur li ma kienx mistenni illi t-Tribunal adit jaghmel hu stess din il-prova, kif espressa fis-sottomissjonijiet kontenuti issa fir-rikors ta' l-appell, jew li ma jiddecidiex 'iuxta allegata et probata". Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tinjora ghal kollox is-sottomissjonijiet avvanzati f'din is-sede dwar fatti ghal kollox assenti mill-process. Naturalment l-aspett guridiku tal-kwestjoni dwar il-preskrizzjoni eccepita ma jistax jigi bl-istess mod injorat jew skartat.

L-artikolu 1427(c) tal-Kodici Civili jipprovdi testwalment illi "l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra imhallsin bix-xahar, ta' l-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-forrnituri li jkollhom jiehdu", huwa preskrivibbli bl-eghluq ta' sena.

Fil-kaz prezenti permezz tal-avviz prezentat fil-5 ta' April 2002 l-attur qed jitlob il-hlas ta' sahra ghall-perijodu bejn il-bidu tas-sena 1996 u l-ahhar tas-sena 1998. Mill-istess att ta' l-avviz jirrizulta illi fil-25 ta' April 2001 giet prezentata ittra ufficjali. Fir-rigward tat-talba tieghu l-appellanti esebixxa mal-istess avviz prospett redatt presumibilment minnu in sostenn tal-pretensjoni tieghu.

Issa minn dak desumibbli mill-korp tar-rikors ta' l-appell ma jidherx li l-appellant qed jattakka l-preskrizzjoni eccepita fis-sens li din ma hijiex applikabbli ghal kaz tieghu. Hekk per ezempju ma jghidx li din il-preskrizzjoni hi irrilevanti ghax hu jithallas bil-gimgha u hlas bhal dan mhux kontemplat fil-provvediment tal-ligi fuq riportat. Fil-fatt la nafu kif kien jithallas u lanqas in-natura ta' l-impjieg tieghu biex possibilment il-kaz tieghu jinghata konsiderazzjoni aktar xierqa. Wiehed allura jkollu necessarjament jifhem jew jiddeduci illi l-mod tal-hlas tieghu jew il-kwalifika tax-xoghol tieghu tirrientra fil-kwadru ta' dak dispost fl-artikolu citat.

Effettivament l-attur appellant jikkampa l-posizzjoni tieghu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 2151 tal-Kodici Civili, anke ghaliex dan jolqot 'inter alia' l-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2147.

F'kaz bhal dan, vizwalizzata taht l-ewwel subinciz tal-imsemmi Artikolu 2151, il-preskrizzjoni eccepita, fin-nuqqas ta' interruzzjoni taghha, xorta wahda tolqot l-azzjoni ghas-sommistrazzjonijiet jew servizzi ghaz-zmien preskrizzjonali, u dan minkejja l-kontinwita` taghhom, ghax kull servizz, xoghol jew somministrazzjoni tifforma kreditu ghaliha. Ara f'dan is-sens decizjonijiet a **Vol XXV pII p305** u **Vol XXXVII pI p319**. B'mod partikolari, imbaghad, in kwantu si tratta ukoll minn talba ghall-hlas

ta’ salarju – u dritt ta’ hlas ta’ ‘overtime’ jirrientra f’din il-lokuzzjoni – vide sentenzi a **Vol XXIII pI p320** u “**Doris Borg et –vs- Marie Midolo et noe**”, Appell, 13 ta’ Lulju 2001. Incidentalment, din l-ahhar imsemmija sentenza wkoll indagat il-portata ta’ l-Artikolu 2151 u l-Art 2156.

Strettament l-enfasi li jaghmel l-appellant jirrigwarda maggorment, ghall-portata u effett tieghu, t-tieni subinciz ta’ l-Artikolu 2151. In succint dan jghid illi fejn tirrizulta l-accettazzjoni tad-debitur, minn kont jew dikjarazzjonijiet ohra bil-miktub, allura f’kaz bhal dan ta’ somministrazzjonijiet, servizzi, xogholijiet, l-azzjoni ma taqax hlief bil-preskrizzjoni ta’ hames snin dekorribbli mid-data tal-kont jew tad-dikjarazzjoni.

Minn dan kollu fil-kaz in ezami ma nsibu xejn. La jirrizulta li kien hemm weghda ta’ hlas u lanqas rikonoxximent tad-debitu u ghalhekk ma jistax jinghad li saret rinunzja ghall-preskrizzjoni eccepita jew li din saret trasformata f’dik ta’ hames snin b’xi approvazzjoni mplicita tas-socjeta` konvenuta. Tali trasformazzjoni, bhall-interruzzjoni, ghandha tigi pruvata minn min jallegaha u mhux minn min jirrezistiha (Kollezz **Vol VI p140**). Il-fatt tal-esebizzjoni tal-kont, minghajr provi ohra korroborattivi u konkluzivi, ma jgibux din it-trasformazzjoni. Anke kieku stess dan il-kont intalab mis-socjeta` konvenuta dan ma jfisserx necessarjament illi hi ammettiet il-pretensjonijiet tal-attur (Kollezz **Vol XXXIII pI p285**). Dan ghar-raguni semplici illi r-rikonoxximent ta’ kull debitu kellu jkun car u esplicitu (**Vol XXXVIII pIII p723;** “**Carmelo Attard et nomine –vs- Domenic Micallef et noe**”, Appell, 19 ta’ Novembru 2001). Fatt dan li hu ghal kollox eskluz f’dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------